



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 20.7.2021
COM(2021) 429 final

2021/0244 (COD)

Proposta għal

DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li temenda d-Direttiva (UE) 2019/1153 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, fir-rigward tal-aċċess tal-awtoritajiet kompetenti għar-reġistri ċentrali tal-kontijiet bankarji permezz tal-punt uniku ta' aċċess

{SWD(2021) 210 final}

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Kif enfasizzat fl-istrateġija tal-UE biex tindirizza l-kriminalità organizzata 2021-2025¹, jeħtieġ li l-Unjoni Ewropea tintensifika l-għieda kontra l-finanzi li ġejjin mill-kriminalità. Il-gruppi tal-kriminalità organizzata jużaw il-profitti illegali sostanzjali tagħhom biex jinfiltraw l-ekonomija legali u l-istituzzjonijiet pubbliċi, filwaqt li jdgħajfu l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali u jdgħajfu d-dritt tan-nies għas-sikurezza u l-fiduċja tagħhom fl-awtoritajiet pubbliċi. Id-dħul illegali ġġenerat minn attivitajiet kriminali fl-UE ammonta għal EUR 139 biljun fl-2019², li jikkorrispondi għal 1 % tal-prodott domestiku gross. Minkejja l-iżvilupp ta' qafas legali għall-irkupru tal-assi fil-livell tal-UE u dak nazzjonali, perċentwal żgħir biss tal-mezzi strumentali u r-rikavat tal-kriminalità jiġi kkonfiskat³.

L-aċċess rapidu għall-informazzjoni finanzjarja huwa essenzjali għal investigazzjonijiet finanzjarji effettivi u t-traċċar u l-konfiska b'suċċess tal-mezzi strumentali u r-rikavat tal-kriminalità. F'dan ir-rigward, huwa vitali li jkun magħruf min għandu kont bankarju fi Stat Membru ieħor għajr dak li qed iwettaq l-investigazzjoni: mhux biss biex ikun jista' jiġi stabbilit liema ordnijiet ta' ffriżar u ta' konfiska tal-Istati Membri għandhom jintbagħtu⁴, iżda wkoll biex l-investigaturi jingħataw indikazzjonijiet potenzjalment kruċjali. Madankollu, sabiex l-awtoritajiet responsabbli għall-prevenzjoni, l-identifikazzjoni, l-investigazzjoni jew il-prosekuzzjoni ta' reati kriminali fi Stat Membru wieħed jiksbu informazzjoni dwar suġġetti ta' investigazzjoni li jkollhom kontijiet bankarji fi Stat Membru ieħor, huma attwalment iridu jiġbru l-informazzjoni permezz ta' kooperazzjoni tal-pulizija jew kanali ta' kooperazzjoni għidizzjarja. Dan huwa proċess ta' spiss oneruż u li jieħu ħafna ħin li jxekkel l-aċċess rapidu għall-informazzjoni, kif muri fl-Anness 7 tal-Valutazzjoni tal-Impatt li takkumpanja l-pakkett ta' proposti leġiżlattivi tal-Kummissjoni dwar il-Ġlieda Kontra l-Ħasil tal-Flus u l-Ġlieda kontra l-Finanzjament tat-Terroriżmu (AML/CFT), u l-infurzar tal-liġi.

Skont l-Artikolu 32a tal- (ħames) direttiva kontra l-ħasiltal-flus⁵, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu mekkaniżmi awtomatizzati ċentralizzati, bħal reġistri ċentrali jew sistemi elettroniċi ċentrali għall-irkupru tad-data, biex jippermettu l-identifikazzjoni ta' kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li żżomm jew tikkontrolla kontijiet ta' pagament, kontijiet

¹ Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-Istrateġija tal-UE biex tiġi indirizzata l-Kriminalità Organizzata 2021–2025 (COM (2021) 170, 14.4.2021).

² Dan ikopri drogi illeċiti, traffikar tal-bnedmin, kuntrabandu ta' migranti, frodi (frodi tal-VAT intra Komunitarja b'negozjant nieqes, ksur tad-drittijiet tal-proprjeta' intellettwali, frodi alimentari), kriminalità ambjentali (skart illeċitu u traffikar illeċitu ta' organiżmi selvaġġi), armi tan-nar illeċiti, tabakk illeċitu, attivitajiet ta' ċiberkriminalità u kriminalità organizzata kontra l-proprjeta' (*Studju dwar l-Immappjar tar-riskju ta' infiltrazzjoni tal-kriminalità serja u organizzata f'negozji leġittimi*, Marzu 2021, DR0221244ENN); <https://data.europa.eu/doi/10.2837/64101>.

³ Europol, *Il-kriminalità għadha tħalli profitt? L-irkupru tal-Assi Kriminali fl-UE — Stħarriġ ta' informazzjoni statistika 2010-2014*, 2016; <https://www.europol.europa.eu/publications-documents/does-crimestill-pay>.

⁴ Abbażi tad-Deċizzjoni Qafas tal-Kunsill 2003/757/JHA u 2006/783 ĠAI, u (mid-19 ta' Diċembru 2020), ir-Regolament (UE) 2018/1805.

⁵ Id-Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2015 dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu, li temenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li tħassar id-Direttiva 2005/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/70/KE (ĠU L 141, 5.6.2015, p.73).

bankarji u kaxex ta' depożitu sikur.

Id-Direttiva (UE) 2019/1153⁶ diġà teħtieġ li l-Istati Membri jaħtru awtoritajiet kompetenti għall-prevenzjoni, l-identifikazzjoni, l-investigazzjoni jew il-prosekuzzjoni ta' reati kriminali sabiex ikunu jistgħu jaċċessaw u jfittxu fil-mekkaniżmi awtomatizzati ċentralizzati (imsemmija fid-Direttiva (UE) 2019/1153 bħala reġistri ċentrali tal-kontijiet tal-bank, it-terminu użat hawn taħt). Titlob minnhom ukoll li jinkludu uffiċċji għall-irkupru tal-assi fost l-awtoritajiet kompetenti maħtura tagħhom u tippermetti lill-Istati Membri jaħtru awtoritajiet tat-taxxa u aġenziji kontra l-korruzzjoni bħala awtoritajiet kompetenti sal-punt li dawn ikunu kompetenti għall-prevenzjoni, l-identifikazzjoni, l-investigazzjoni jew il-prosekuzzjoni ta' reati kriminali skont il-liġi nazzjonali. L-iskadenza għat-traspożizzjoni tad-Direttiva hija l-1 ta' Awwissu 2021.

Skont il-proposta tal-Kummissjoni għal direttiva ġdida kontra l-ħasil tal-flus, li qed tiġi ppreżentata flimkien ma' din il-proposta, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni mir-reġistri ċentrali tal-kontijiet bankarji tkun disponibbli permezz tal-punt uniku ta' aċċess tar-reġistri tal-kontijiet bankarji (BAR) li għandu jiġi żviluppat u operat mill-Kummissjoni⁷. Permezz tal-interkonnnessjoni tar-reġistri ċentralizzati tal-kontijiet bankarji, l-awtoritajiet b'aċċess għall-punt ta' aċċess uniku tal-BAR ikunu jistgħu jistabbilixxu malajr jekk individwu għandux kontijiet bankarji fi Stati Membri oħra mingħajr ma jkollu għalfajn jitlob lill-kontropartijiet kollha tiegħu fl-Istati Membri kollha. F'konformità mal-bażi ġuridika tagħha (l-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE)), id-direttiva l-ġdida kontra l-ħasil tal-flus se tipprovdi aċċess għall-punt uniku ta' aċċess tal-BAR biss lill-unitajiet tal-intelligence finanzjarja (FIUs), il-korp nazzjonali li jirċievi rapporti dwar tranżazzjonijiet suspettużi minn entitajiet marbutin b'obbligu⁸ u jgħaddihom, kif xieraq, lill-awtoritajiet tal-investigazzjoni kriminali. Madankollu, fl-interess tal-ġlieda kontra l-kriminalità serja u, b'mod partikolari, it-tweġġ ta' investigazzjonijiet finanzjarji effettivi, l-awtoritajiet kompetenti għall-prevenzjoni, l-identifikazzjoni, l-investigazzjoni jew il-prosekuzzjoni ta' reati kriminali jeħtieġ ukoll li jkollhom aċċess għall-punt uniku ta' aċċess tal-BAR li jippermettilhom jidentifikaw, janalizzaw u jinterpretaw l-informazzjoni finanzjarja rilevanti għall-proċedimenti kriminali.

Din il-proposta tfittex li testendi l-aċċess għall-punt ta' aċċess uniku tal-BAR, kif introdott mid-Direttiva l-ġdida kontra l-ħasil tal-flus, għall-awtoritajiet kompetenti għall-prevenzjoni, l-identifikazzjoni, l-investigazzjoni jew il-prosekuzzjoni ta' reati kriminali li huma nnominati bħala awtoritajiet kompetenti skont l-Artikolu 3(1) tad-Direttiva (UE) 2019/1153.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika**

Din il-proposta tikkomplimenta d-dispożizzjonijiet dwar il-punt uniku ta' aċċess tal-BAR inklużi fil-proposta tal-Kummissjoni għad-direttiva l-ġdida kontra l-ħasil tal-flus.

Il-bażi għall-qafas kontra l-ħasil tal-flus (l-Artikolu 114 TFUE) hija relatata mas-suq intern u l-għan huwa li jiġi evitat l-użu tas-sistema finanzjarja tal-Unjoni għall-finijiet tal-ħasil tal-flus

⁶ Id-Direttiva (UE) 2019/1153 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 li tistabbilixxi regoli li jiffaċilitaw l-użu ta' informazzjoni finanzjarja u informazzjoni oħra għall-prevenzjoni, l-identifikazzjoni, l-investigazzjoni jew il-prosekuzzjoni ta' ċerti reati kriminali (ĠU L186 tal-11.7.2019, p. 122).

⁷ Proposta tal-Kummissjoni għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2021/XX.

⁸ Persuna ġuridika jew fiżika fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva dwar il-Ġlieda Kontra l-ħasil tal-Flus u soġġetta għar-regoli dwar il-Ġlieda Kontra l-ħasil tal-Flus/il-Ġlieda Kontra l-Finanzjament tat-Terroriżmu (AML/CFT).

u l-finanzjament tat-terroriżmu. Din il-proposta tikkumplementa u tibni fuq in-naħa preventiva tal-politika kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu, u ssaħħaħ il-qafas legali mill-perspettiva tal-kooperazzjoni fl-infurzar tal-liġi.

Din il-proposta hija konformi mal-pjan ta' azzjoni għal politika komprensiva tal-Unjoni dwar il-prevenzjoni tal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu adottat mill-Kummissjoni f'Mejju 2020⁹. Il-pjan ta' azzjoni jenfasizza li l-interkonnessjoni mal-Unjoni kollha tar-reġistri ċentrali tal-kontijiet bankarji hija meħtieġa biex jiġihaffef l-aċċess tal-UIF u tal-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi għal informazzjoni dwar il-kontijiet bankarji u biex tiġi ffaċilitata l-kooperazzjoni transfruntiera. L-istrateġija tal-UE dwar l-Unjoni tas-Sigurtà (Lulju 2020)¹⁰ tenfasizza wkoll li tali interkonnessjoni tista' tħaffef b'mod sinifikanti l-aċċess tal-UIF u tal-awtoritajiet kompetenti għall-informazzjoni finanzjarja. L-istrateġija l-għdida tal-UE biex tindirizza l-kriminalità organizzata tindika li l-Kummissjoni se tirrevedi d-Direttiva (UE) 2019/1153 sabiex tipprovdi aċċess lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi għall-pjattaforma futura li tgħaqqad ir-reġistri ċentrali tal-kontijiet tal-bank madwar l-Unjoni.

- **Il-konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Id-Direttiva proposta hija konformi mal-għanijiet tal-politika tal-Unjoni, b'mod partikolari l-għieda kontra l-kriminalità serja kif ukoll mal-qafas għall-prevenzjoni tal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu, inkluż il-pakkett il-għdid kontra l-ħasil tal-flus.

2. **BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ**

- **Bażi ġuridika**

F'konformità mal-bażi ġuridika użata biex jiġi adottat l-att legali li qed jiġi emendat, jiġifieri d-Direttiva (UE) 2019/1153, il-bażi ġuridika tad-Direttiva proposta hija l-Artikolu 87(2) tat-TFUE. Dik id-dispożizzjoni tippermetti lill-Unjoni tiegħu miżuri dwar il-kooperazzjoni tal-pulizija li tinvolvi l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri (inklużi l-pulizija, id-dwana u servizzi speċjalizzati oħra tal-infurzar tal-liġi), b'mod partikolari fir-rigward tal-għbir, il-ħażna u l-iskambju ta' informazzjoni rilevanti għall-prevenzjoni, il-kxif u l-investigazzjoni ta' reati kriminali.

- **Is-sussidjarjetà (għal kompetenza mhux esklużiva)**

F'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE), l-oġġettivi tal-proposta ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri waħedhom u għalhekk jistgħu jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni. Il-proposta ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkisbu dawk l-oġġettivi.

Il-gruppi tal-kriminalità organizzata ta' spiss joperaw bejn il-fruntieri, inter alia sabiex jaħbu u jergħu jinvestu l-assi tagħhom miksuba illegalment. It-theddida tal-gruppi tal-kriminalità organizzata li jgħaddu l-profitti illeċiti tagħhom biex jinfiltraw l-ekonomija taffettwa lill-Unjoni kollha kemm hi u għalhekk teħtieġ rispons fil-livell tal-UE.

⁹ Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar Pjan ta' Azzjoni għal politika komprensiva tal-Unjoni dwar il-prevenzjoni tal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu (COM (2020) 2800, 7.5.2020).

¹⁰ Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-Istrateġija tal-Unjoni tas-Sigurtà tal-UE (COM (2020) 605, 24.7.2020).

- **Proporzjonalità**

F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit fl-Artikolu 5(4) TUE, din il-proposta hija limitata għal dak li huwa meħtieġ u proporzjonat sabiex jiġi ffaċilitat l-użu u l-kondiviżjoni ta' informazzjoni finanzjarja rilevanti mill-awtoritajiet pubbliċi li għandhom id-dmir li jipproteġu liċ-ċittadini tal-Unjoni.

Id-Direttiva (UE) 2019/1153 tagħti aċċess għal sett limitat ta' informazzjoni biss (eż. l-isem tas-sid, in-numru tal-kont bankarju), li huwa strettament meħtieġ biex jiġi aċċertat jekk is-suġġett ta' investigazzjoni għandux kont ma' bank u ma' liema banek. L-istess limitazzjoni se tapplika wkoll fir-rigward tal-possibiltajiet ta' aċċess u tiftix, permezz tal-punt uniku ta' aċċess tal-BAR, maħluq minn din il-proposta.

Għaldaqstant, l-awtoritajiet kompetenti ta' Stati Membri oħra se jkunu jistgħu jaċċessaw u jfittxu direttament is-sett limitat ta' informazzjoni li ġej permezz tal-punt uniku ta' aċċess tal-BAR (ara l-Artikolu 4(2) flimkien mal-Artikolu 2(7) tad-Direttiva (UE) 2019/1153; ara wkoll l-Artikolu 32a(3) tad-Direttiva attwali dwar il-Ġlieda Kontra l-Ħasil tal-Flus, kif ukoll l-Artikolu 14(3) tad-Direttiva l-ġdida dwar il-Ġlieda Kontra l-Ħasil tal-Flus proposta u l-Artikolu 18(1) tar-Regolament il-ġdid propost dwar il-Ġlieda Kontra l-Ħasil tal-Flus):

- għad-detentur tal-kont tal-klijent u kull persuna li tidher li taġixxi f'isem il-klijent: l-isem, ikkomplementat jew bid-data tal-identifikazzjoni l-oħra meħtieġa jew b'numru uniku ta' identifikazzjoni;
- għas-sid benefiċjarju tad-detentur tal-kont tal-klijent: l-isem, ikkomplementat jew bid-data tal-identifikazzjoni l-oħra meħtieġa jew b'numru uniku ta' identifikazzjoni;
- għall-kont bankarju jew tal-pagament: in-numru Internazzjonali tal-Kont tal-Bank (IBAN) u d-data tal-ftuħ u l-għeluq tal-kont;
- għall-kaxxa ta' depożitu sikur: l-isem tal-lokatarju kkumplementat jew bid-data tal-identifikazzjoni l-oħra meħtieġa skont in-numru ta' identifikazzjoni uniku u t-tul tal-perjodu tal-kirja.

Skont il-miżuri proposti hawnhekk, l-awtoritajiet kompetenti għall-prevenzjoni, l-identifikazzjoni, l-investigazzjoni jew il-prosekuzzjoni ta' reati kriminali għalhekk xorta mhux se jkunu jistgħu jaċċessaw u jfittxu data sensittiva, bħal informazzjoni dwar tranżazzjonijiet jew il-bilanċ tal-kontijiet. Hija biss l-informazzjoni strettament meħtieġa biex jiġi identifikat detentur ta' kont bankarju jew ta' pagament jew kaxxa ta' depożitu sikur li ssir aċċessibbli permezz tal-punt ta' aċċess uniku tal-BAR. Ladarba l-awtoritajiet jidentifikaw, bis-saħħa tal-aċċess ipprovdut skont din il-proposta, ma' liema istituzzjoni finanzjarja s-suġġett ta' investigazzjoni jkollha kont bankarju fi Stat Membru ieħor, huma jkollhom, fejn jitqies meħtieġ, jitolbu aktar informazzjoni (eż. lista ta' tranżazzjonijiet) permezz ta' mezzi xierqa ta' kooperazzjoni tal-pulizija jew ġudizzjarja.

- **Għażla tal-istrument**

Din il-proposta tiegħu l-forma ta' direttiva, peress li tinvolvi l-emendar tad-Direttiva (UE) 2019/1153.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Fehmiet minn istituzzjonijiet oħra u konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Fil-konklużjonijiet tal-Kunsill ta' Ġunju 2020 dwar it-tiġih tal-investigazzjonijiet finanzjarji għall-għieda kontra l-kriminalità serja u organizzata¹¹, l-Istati Membri appellaw lill-Kummissjoni biex tikkunsidra li ttejjeb aktar il-qafas legali billi jiġu interkonnessi r-reġistri ċentrali nazzjonali tal-kontijiet bankarji sabiex jitħaffef l-aċċess għall-informazzjoni finanzjarja u tiġi ffaċilitata l-kooperazzjoni transfruntiera bejn l-awtoritajiet kompetenti madwar l-Unjoni.

fir-risoluzzjoni tiegħu tal-10 ta' Lulju 2020¹², il-Parlament Ewropew wera s-sodisfazzjon tiegħu bil-pjan tal-Kummissjoni li tiżgura l-interkonnessjoni tar-reġistri ċentrali tal-kontijiet bankarji sabiex tħaffef l-aċċess għall-informazzjoni finanzjarja għall-aċċess tal-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u tal-UIF għal informazzjoni finanzjarja f' fażijiet differenti ta' investigazzjoni u tiffaċilita l-kooperazzjoni transfruntiera f'konformità sħiħa mar-regoli applikabbli dwar il-protezzjoni tad-*data*.

Matul it-tnejn ta' din il-proposta, il-Kummissjoni kkonsultat l-uffiċċji għall-irkupru tal-assi f'laqgħat tal-Pjattaforma tal-Uffiċċji għall-Irkupru tal-Assi u permezz ta' konsultazzjoni informali u mmirata. Huma appoġġaw bis-sħiħ l-inizjattiva.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Il-proposta hija appoġġata mill-valutazzjoni tal-impatt dwar il-pakkett il-ġdid propost kontra l-ħasil tal-flus (b'mod partikolari l-Anness 7 tiegħu dwar l-interkonnessjoni tar-reġistri tal-kontijiet bankarji), li dwaru l-Bord tal-Iskrutinju Regulatorju ħareġ opinjoni pożittiva fl-4 ta' Diċembru 2020. Dokument ta' ħidma tal-persunal, li huwa anness mal-proposta, janalizza ulterjorment is-sitwazzjoni u l-impatti tat-tkabbir tal-aċċess għas-sistema interkonnessa tar-reġistri ċentralizzati tal-kontijiet bankarji wkoll għall-awtoritajiet kompetenti għall-prevenzjoni, l-identifikazzjoni, l-investigazzjoni jew il-prosekuzzjoni ta' reati kriminali indikati skont id-Direttiva 2019/1153.

- **Drittijiet fundamentali**

Din il-proposta se tipprovdi b'mod ċar lill-awtoritajiet maħtura kompetenti għall-prevenzjoni, l-identifikazzjoni, l-investigazzjoni jew il-prosekuzzjoni ta' reati kriminali b'aċċess għas-sistema interkonnessa ta' reġistri ċentralizzati tal-kontijiet tal-bank, il-punt ta' aċċess uniku tal-BAR. Dan jippermettilhom jistabbilixxu malajr jekk individwu għandux kontijiet bankarji fi Stati Membri oħra, mingħajr ma jkollhom għalfejn jitolbu lill-kontropartijiet kollha tagħhom fl-Istati Membri kollha tal-UE.

Ir-reġistri ċentrali tal-kontijiet bankarji jiċċentralizzaw id-*data* personali relatata ma' persuni ġuridiċi u fiżiċi. L-estensjoni tal-aċċess għall-punt ta' aċċess uniku tal-BAR għalhekk se

¹¹ Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-tiġih tal-investigazzjonijiet finanzjarji għall-għieda kontra l-kriminalità serja u organizzata, 17 ta' Ġunju 2020 (8927/20).

¹² Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Lulju 2020 dwar politika komprensiva tal-Unjoni dwar il-prevenzjoni tal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu — il-Pjan ta' Azzjoni tal-Kummissjoni u żviluppi reċenti oħra (2020/2686 (RSP)).

jkollha impatt fuq id-drittijiet fundamentali tas-suġġetti tad-data, b'mod partikolari mad-dritt għall-privatezza u d-dritt għall-protezzjoni tad-data personali (l-Artikoli 7 u 8, rispettivament, tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (“il-Karta”)).

Kwalunkwe limitazzjoni li tirriżulta fl-eżerċizzju tad-drittijiet u tal-libertajiet rikonoxxuti mill-Karta, b'mod partikolari dawk stabbiliti fl-Artikoli 7 u 8 tagħha, tikkonforma mar-rekwiżiti stabbiliti mill-Karta, b'mod partikolari dawk tal-Artikolu 52(1) tagħha.

Il-limitazzjoni hija prevista mil-liġi u hija ġġustifikata mill-hteġa li jintlaħaq għan ta' interess ġenerali rikonoxxut mill-Unjoni, jiġifieri l-ġlieda kontra l-kriminalità serja.

Barra minn hekk, l-essenza tad-drittijiet u tal-libertajiet inkwistjoni huma rrispettati u l-limitazzjonijiet huma proporzjonati mal-għan segwit.

Fir-rigward tad-dritt għall-privatezza, l-impatt huwa limitat, speċjalment peress li din il-proposta ma teħtieġ il-ġbir ta' data addizzjonali dwar id-detentur tal-kontijiet u meta jitqies li l-informazzjoni minn Stati Membri oħra li hija aċċessibbli permezz tal-punt uniku ta' aċċess tal-BAR diġà tista' tinkiseb permezz ta' mezzi ta' kooperazzjoni tal-pulizija u dik ġudizzjarja. Barra minn hekk, l-interferenza mad-dritt għall-privatezza se tkun relattivament limitata f'termini ta' gravità peress li d-data aċċessibbli u li tista' titfittex ma tkoprix tranżazzjonijiet finanzjarji jew bilanċ tal-kont. Din se tkopri sett limitat ta' informazzjoni (eż. l-isem u n-numru tal-kont bankarju tas-sid), kif meħtieġ b'mod strett mill-awtorità kompetenti ta' Stat Membru partikolari biex jiġi stabbilit ma' liema bank (ijiet) fi Stati Membri oħra s-suġġett ta' investigazzjoni għandu kont.

Fir-rigward tal-protezzjoni tad-data personali ta' persuni fiżiċi, l-informazzjoni dwar il-kontijiet bankarji tista' tikkostitwixxi data personali u l-aċċess għal din id-data mill-awtoritajiet kompetenti għall-prevenzjoni, l-identifikazzjoni, l-investigazzjoni jew il-prosekuzzjoni ta' reati kriminali jikkostitwixxi pproċessar ta' data personali. L-ipproċessar ta' data mir-reġistri ċentrali tal-kontijiet tal-bank aċċessati u mfittxija minn dawn l-awtoritajiet permezz tal-punt uniku ta' aċċess tal-BAR ikun soġġett għal-liġijiet nazzjonali li jittrasponu d-Direttiva (UE) 2016/680, kif inhu l-każ bħalissa għad-data aċċessata u mfittxija abbażi tad-Direttiva (UE) 2019/1153 kif inhi bħalissa.

Barra minn hekk, is-salvagwardji u l-limitazzjonijiet diġà previsti fid-Direttiva (UE) 2019/1153 se japplikaw ukoll fir-rigward ta' kwalunkwe aċċess dirett jew tfittxija minn awtoritajiet maħtura għal jew f'reġistri ċentrali tal-kontijiet tal-bank ta' Stati Membri oħra permezz tal-punt ta' aċċess uniku tal-BAR. Dan jikkonċerna b'mod partikolari s-salvagwardji u l-limitazzjonijiet previsti fl-Artikoli 3, 4, 5 u 6 ta' dik id-Direttiva, li b'mod partikolari jipprevedu dan li ġej:

- huma biss l-awtoritajiet kompetenti għall-prevenzjoni, l-identifikazzjoni, l-investigazzjoni jew il-prosekuzzjoni ta' reati kriminali li ġew maħtura mill-Istati Membri li se jkunu jistgħu jaċċessaw u jfittxu fir-reġistri ċentrali tal-kontijiet tal-bank, inkluż permezz tal-punt uniku ta' aċċess tal-BAR (l-Artikolu 3(1) flimkien mal-Artikolu 4 (1a) il-ġdid tad-Direttiva).
- is-setgħa li taċċessa u tfittex ir-reġistri ċentrali tal-kontijiet tal-bank, inkluż permezz tal-BAR punti ta' aċċess uniċi tingħata biss għall-fini tal-prevenzjoni, l-identifikazzjoni, l-investigazzjoni jew il-prosekuzzjoni ta' “reati kriminali serji” jew għall-appoġġ ta' investigazzjoni kriminali dwar “reati kriminali serji” (l-Artikolu 4(1) u (1a) ġdid tad-Direttiva). Reati kriminali serji f'dan il-kuntest jirreferu

għall-forom ta' kriminalità elenkati fl-Anness I għar-Regolament (UE) Nru 2016/794¹³ (l-Artikolu 2(12) tad-Direttiva).

- kif stabbilit hawn fuq, sett limitat biss tal-informazzjoni fir-reġistri ċentrali tal-kontijiet tal-bank, kif meħtieġ strettament biex jiġi aċċertat jekk is-suġġett ta' investigazzjoni għandux kont ma' bank u ma' liema banek, huwiex aċċessibbli u jista' jsir tiftix fih, inkluż permezz tal-punt uniku ta' aċċess tal-BAR (eż. l-isem tas-sid u n-numru tal-kont bankarju) (l-Artikolu 4(2) flimkien mal-Artikolu 2(7)).
- l-aċċess u t-tfittxijiet, inkluż meta jitwettqu permezz tal-punt uniku ta' aċċess tal-BAR, iridu jitwettqu każ b'każ minn persunal maħtur u awtorizzat b'mod speċifiku f'kull awtorità kompetenti (l-Artikolu 5(1) u (2)). L-Istati Membri jridu jistabbilixxu miżuri biex jiżguraw is-sigurtà tad-data għal standards teknoloġiċi għoljin għall-finijiet ta' aċċess u tiftix ta' informazzjoni dwar il-kontijiet bankarji (l-Artikolu 5(3)).
- ir-reġistri ta' kwalunkwe aċċess u tiftix, inkluż meta jitwettqu permezz tal-punt uniku ta' aċċess tal-BAR, iridu jinżammu (l-Artikolu 6(1)). Dawn ir-reġistrazzjonijiet għandhom jiġu ċċekkjati regolarment mill-uffiċjali tal-protezzjoni tad-data għar-reġistri ċentralizzati tal-kontijiet tal-bank, u jitqiegħdu għad-dispożizzjoni, fuq talba, tal-awtorità superviżorja kompetenti (l-Artikolu 6(2)). Ir-reġistri jistgħu jinżammu għall-monitoraġġ tal-protezzjoni tad-data biss, għandhom ikunu protetti b'miżuri xierqa kontra aċċess mhux awtorizzat u għandhom jitħassru 5 snin wara l-ħolqien tagħhom, sakemm ma jkunux meħtieġa għal proċeduri ta' monitoraġġ (l-Artikolu 6(3)).

4. IMPLIKAZZJONIJIET GĦALL-BAGĦIT

Il-proposta ma għandhiex implikazzjonijiet għall-baġit tal-UE.

5. ELEMENTI OĦRAJN

- **Il-pjanijiet għall-implimentazzjoni u l-arranġamenti ta' monitoraġġ, ta' evalwazzjoni u ta' rappurtar**

L-att li għandu jiġi emendat (id-Direttiva (UE) 2019/1153) diġà jipprevedi monitoraġġ, rappurtar u evalwazzjoni xierqa.

- **Dokumenti ta' spjegazzjoni (għad-direttivi)**

Il-proposta ma għandhiex bżonn ta' dokumenti ta' spjegazzjoni għat-traspożizzjoni.

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

L-Artikolu 1 jemenda l-Artikolu 4 tad-Direttiva (UE) 2019/1153 u jipprovdi lill-awtoritajiet maħtura kompetenti għall-prevenzjoni, l-identifikazzjoni, l-investigazzjoni jew il-prosekuzzjoni ta' reati kriminali bil-possibiltajiet li jaċċessaw u jfittxu direttament reġistri ċentralizzati tal-kontijiet tal-bank ta' Stati Membri oħra permezz tal-punt uniku ta' aċċess tal-BAR.

¹³ Ir-Regolament (UE) 2016/794 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol) u li jissostitwixxi u jħassar id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2009/371/ĠAI, 2009/934/ĠAI, 2009/935/ĠAI, 2009/936/ĠAI u 2009/968/ĠAI (ĠU L 135, 24.5.2016, p. 53).

L-Artikolu 2 jistabilixxi l-iskadenza għat-traspożizzjoni tad-direttiva l-ġdida mill-Istati Membri.

Proposta għal

DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li temenda d-Direttiva (UE) 2019/1153 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, fir-rigward tal-aċċess tal-awtoritajiet kompetenti għar-reġistri ċentrali tal-kontijiet bankarji permezz tal-punt uniku ta' aċċess

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b' mod partikolari l-Artikolu 87(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara t-trażmissjoni tal-abbozz ta' att leġislativ lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew¹⁴,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Regjuni¹⁵,

Waqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislativa ordinarja,

Billi:

- (1) L-iffaċilitar tal-aċċess għal informazzjoni finanzjarja huwa meħtieġ għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni jew il-prosekuzzjoni ta' reati serji, inkluż it-terroriżmu. B' mod partikolari, l-aċċess rapidu għall-informazzjoni finanzjarja huwa essenzjali għat-twettiq ta' investigazzjonijiet kriminali effettivi u għat-traċċar b'suċċess u l-konfiska sussegwenti ta' mezzi strumentali u rikavat mill-kriminalità.
- (2) Id-Direttiva (UE) 2019/1153 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁶ tippermetti lill-awtoritajiet kompetenti għall-prevenzjoni, l-identifikazzjoni, l-investigazzjoni jew il-prosekuzzjoni ta' reati kriminali maħtura mill-Istati Membri biex jaċċessaw u jfittxu, soġġett għal ċerti salvagwardji u limitazzjonijiet, informazzjoni dwar il-kontijiet bankarji. Id-Direttiva (UE) 2019/1153 tiddefinixxi l-informazzjoni dwar il-kontijiet bankarji bħala ċerta informazzjoni li tinsab fil-mekkaniżmi awtomatizzati ċentralizzati li l-Istati Membri jistabbilixxu skont id-Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁷, imsemmija fid-Direttiva (UE) 2019/1153 bħala reġistri ċentrali tal-kontijiet bankarji.

¹⁴ ĠU C , , p .

¹⁵ ĠU C , , p .

¹⁶ Id-Direttiva (UE) 2019/1153 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 li tistabbilixxi regoli li jiffaċilitaw l-użu ta' informazzjoni finanzjarja u informazzjoni oħra għall-prevenzjoni, l-identifikazzjoni, l-investigazzjoni jew il-prosekuzzjoni ta' ċerti reati kriminali, u li tħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/642/JHA (ĠU L 186, 11.7.2019, p. 122).

¹⁷ Id-Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2015 dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu, li temenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li tħassar id-Direttiva 2005/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/70/KE (ĠU L 141, 5.6.2015, p.73).

- (3) L-awtoritajiet maħtura skont id-Direttiva (UE) 2019/1153 jinkludu tal-inqas l-Uffiċċji għall-Irkupru tal-Assi u jistgħu jinkludu wkoll awtoritajiet tat-taxxa u aġenziji kontra l-korruzzjoni sal-punt li huma kompetenti għall-prevenzjoni, l-identifikazzjoni, l-investigazzjoni jew il-prosekuzzjoni ta' reati kriminali skont il-liġi nazzjonali. Skont dik id-Direttiva, l-awtoritajiet kompetenti għandhom is-setgħa li jaċċessaw direttament u jfittxu biss ir-reġistri ċentrali tal-kontijiet bankarji tal-Istat Membru li jkun ħatar dawk l-awtoritajiet.
- (4) Id-Direttiva (UE) YYYY/XX tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁸, li tissostitwixxi d-Direttiva 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁹, u żżomm il-karatteristiċi ewlenin tas-sistema stabbilita minn dik id-Direttiva, tipprevedi, barra minn hekk, li l-mekkaniżmi awtomatizzati ċentralizzati huma interkonnessi permezz ta' punt ta' aċċess uniku tar-reġistri tal-kontijiet bankarji (BAR), li għandu jiġi żviluppat u operat mill-Kummissjoni. Madankollu, skont id-Direttiva (UE) YYYY/XX l-FIUs biss għad għandhom aċċess dirett għall-mekkaniżmi awtomatizzati ċentralizzati, inkluż permezz tal-punt uniku ta' aċċess tal-BAR.
- (5) Meta titqies in-natura transfruntiera tal-kriminalità organizzata u l-ħasil tal-flus kif ukoll l-importanza ta' informazzjoni finanzjarja rilevanti għall-finijiet tal-għieda kontra l-attivitajiet kriminali, inkluż permezz tal-intraċċar, l-iffriżar u l-konfiska malajr ta' assi miksuba illegalment fejn possibbli u xieraq, l-awtoritajiet kompetenti għall-prevenzjoni, l-identifikazzjoni, l-investigazzjoni jew il-prosekuzzjoni ta' reati kriminali maħtura f'konformità mad-Direttiva (UE) 2019/1153 jenħtieġ li jkunu jistgħu jaċċessaw u jfittxu direttament ir-reġistri ċentrali tal-kontijiet tal-bank ta' Stati Membri oħra permezz tal-punt uniku ta' aċċess tal-BAR stabbilit skont id-Direttiva (UE) YYYY/XX.
- (6) Is-salvagwardji u l-limitazzjonijiet diġà stabbiliti mid-Direttiva (UE) 2019/1153 jenħtieġ li japplikaw ukoll fir-rigward tal-possibbiltajiet ta' aċċess u tiftix ta' informazzjoni dwar il-kontijiet tal-bank, permezz tal-punt ta' aċċess uniku tal-BAR, stabbilit minn din id-Direttiva. Dawn is-salvagwardji u l-limitazzjonijiet jinkludu dawk li jikkonċernaw il-limitazzjoni għall-awtoritajiet li għandhom is-setgħa li jaċċessaw u jfittxu informazzjoni dwar il-kontijiet tal-bank, l-iskopijiet li għalihom jistgħu jitwettqu l-aċċess u t-tiftix, it-tipi ta' informazzjoni li huma aċċessibbli u li jistgħu jiġu mfittxija, ir-rekwiżiti applikabbli għall-persunal tal-awtoritajiet kompetenti maħtura, is-sigurtà tad-*data* u r-reġistrazzjoni tal-aċċess u t-tiftix.
- (7) Kwalunkwe proċessar ta' *data* personali mill-awtoritajiet kompetenti b'rabta mal-possibbiltajiet ta' aċċess u tiftix stabbiliti minn din id-Direttiva huwa soġġett għad-Direttiva (UE) 2016/680 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²⁰. Għalhekk, din id-Direttiva tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tosserva l-prinċipji rikonoxxuti mill-Artikolu 6 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali

¹⁸ [Referenza għad-Direttiva l-ġdida Kontra l-Ħasil tal-Flus, ladarba tiġi adottata.]

¹⁹ Id-Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2015 dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu, li temenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li tħassar id-Direttiva 2005/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/70/KE (ĠU L 141, 5.6.2015, p.73).

²⁰ Id-Direttiva (UE) 2016/680 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-awtoritajiet kompetenti għall-finijiet ta' prevenzjoni, investigazzjoni, sejbien jew prosekuzzjoni ta' reati kriminali jew l-eżekuzzjoni ta' pjeni kriminali, u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/977/ĠAI (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 89)

tal-Unjoni Ewropea, b' mod partikolari d-dritt għar-rispett tal-ħajja privata u tal-familja u d-dritt għall-protezzjoni tad-*data* personali.

- (8) Minħabba li l-objettiv ta' din id-Direttiva, jiġifieri li tagħti s-setgħa lill-awtoritajiet maħtura kompetenti għall-prevenzjoni, l-identifikazzjoni, l-investigazzjoni jew il-prosekuzzjoni ta' reati kriminali biex jaċċessaw u jfittxu r-reġistri ċentralizzati tal-kontijiet tal-bank ta' Stati Membri oħra permezz tal-punt uniku ta' aċċess tal-BAR stabbilit mid-Direttiva (UE) YYYY/XX, ma jistax jinkiseb b' mod suffiċjenti mill-Istati Membri, iżda jista' jinkiseb aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkiseb dak l-għan.
- (9) [F'konformità mal-Artikolu 3 tal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, l-Irlanda nnotifikat ix-xewqa tagħha li tiegħu sehem fl-adozzjoni u l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva.]
- [jew]
- [F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 4 ta' dak il-Protokoll, l-Irlanda mhijiex qed tiegħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Direttiva u mhijiex marbuta biha jew soġġetta għall-applikazzjoni tagħha.]
- (10) F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka mhijiex qed tiegħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Direttiva u mhijiex marbuta biha jew suġġetta għall-applikazzjoni tagħha.
- (11) Id-Direttiva (UE) 2019/1153 għalhekk jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.
- (12) Il-kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* ġie kkonsultat f'konformità mal-Artikolu 42(1) tar-Regolament (UE) Nru 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²¹ [u ppreżenta opinjoni fi XX 2021],

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

Fl-Artikolu 4 tad-Direttiva (UE) 2019/1153, jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

“1a. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti maħtura skont l-Artikolu 3(1) ikollhom is-setgħa li jaċċessaw u jfittxu, direttament u immedjatament, informazzjoni dwar il-kontijiet bankarji fi Stati Membri oħra disponibbli permezz ta' punt uniku ta' aċċess għar-reġistri

²¹ Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċizzjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).

tal-kontijiet bankarji (BAR) fis-seħħ skont l-Artikolu XX tad-Direttiva (UE) YYYY/XX [*id-Direttiva l-ġdida dwar il-Ġlieda Kontra l-Hasiltal-Flus*] meta jkun meħtieġ għat-twettiq tal-kompiti tagħhom għall-finijiet tal-prevenzjoni, l-identifikazzjoni, l-investigazzjoni jew il-prosekuzzjoni ta' reat kriminali serju jew l-appoġġ għal investigazzjoni kriminali relatata ma' reat kriminali serju, inkluż l-identifikazzjoni ta' reat kriminali serju.”.

Artikolu 2

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sa mhux aktar tard minn [XXYY] [*il-perjodu tat-traspożizzjoni għandu jiġi allinjat mad-data tal-applikazzjoni stabbilita mid-Direttiva l-ġdida Kontra l-Ħasil tal-Flus għall-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet għall-interkonnnessjoni tal-mekkaniżmu awtomatizzat ċentralizzat*]. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih lill-Kummissjoni t-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn id-dispożizzjonijiet, dawn għandhom ikollhom referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati b'referenza bħal din fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw kif għandha ssir din ir-referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert b'din id-Direttiva.

Artikolu 3

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 4

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri skont it-Trattati.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President